# Xerred il-messaġġ

Dawn l-għajnuniet mibnija fuq il-kelma SMART inkitbu speċifikament għat-tfal biex ifakkruhom joqogħdu attenti meta jkunu fuq l-Internet, b'mod speċjali meta jkunu qed jikkomunikaw ma' nies la ma jafuhomx. Qatta' xi ftit ħin tiddiskuti magħhom dawn il-kwistjonijiet u mur fuq ***www.kidsmart.org.uk*** biex ikollok aktar tagħrif fid-dettal.

**s** — **Safe** Ikollok sigurta' sħiħa meta tkun attent il-ħin kollu u ma tagħti lil ħadd ismek, l-indirizz, in-numru tal-*mobile* tiegħek, isem l-iskola li tattendi jew il-*password* tiegħek meta tkun *online*.

**m** — **Meeting** Li tiltaqa' ma xi ħadd li tkun kkuntattjajt fuq l-Internet jista' jkun perikoluż ħafna. Dil-biċċa xogħol għamilha biss bil-permess tal-ġenituri tiegħek jew ta' min qed jieħu ħsiebek, u qis li jiġu miegħek.

**a** — **Accepting** Jekk taċċetta *emails* jew tiftaħ *files* ġejjin mingħand nies li ma tafhomx jew li ma tafdax, tista' tidħol f'ħafna inkwiet. Jista' jkun fihom xi *viruses* jew messaġġi mhux xierqa.

**r** — **Remember** Ftakar dejjem li min hu *online* jista' jkun qed jigdeb u għandu mnejn li mhuwiex il-persuna li qed jippretendi li hu. Jekk tħossok skomdu meta tkun qed tiċċettja jew tibgħat il-messaġġi, aqta' l-kuntatt mill-ewwel.

**t** — **Tell** Informa lill-ġenituri tiegħek jew lil min qed jieħu ħsiebek jekk xi ħadd jew xi ħaġa qed idejquk jew jinkwetawk.

"L-internet huwa meraviljuż; mezz ta' tagħlim, komunikazzjoni u divertiment għal kulħadd. Tajjeb li napprezzaw il-potenzjal tiegħu filwaqt li nifhmu kif negħlbu xi perikli li jista' jkun hemm."

**Karmen Tedesco**
*Kap ta' skola u omm*



# Aktar pariri u riżorsi



Il-*website Kidsmart* għandha aktar riżorsi u taħriġ għall-ġenituri, għalliema u tfal, fosthom l-attivita' *"Net Detectives"*.
**www.kidsmart.org.uk**



*Chatdanger.com* - pariri siewja għat-tfal u l-ġenituri dwar kif jużaw iċ-*Chat Rooms* mingħajr perikli.
**www.chatdanger.com**



Is-sit *Cable and Wireless Childnet Awards* għandu vetrina ta' aktar minn 100 proġett interessanti maħluqa minn żgħażagħ u għalliema.
**www.childnetawards.org**



Is-*"Cybercafe"* tal-*Gridclub* jagħti dettalji dwar l-*Internet Proficiency Scheme*, użata l-Ingilterra għall-iskejjel primarji, li wkoll jagħmlu użu mir-regoli SMART.
**www.gridclub.org**



## Fuljett b'xejn għat-tfal

Jeżisti fuljett apposta għat-tfal.
Dan jista' jinġieb b'xejn billi ċċempel lid-
**Dipartiment tat-Teknoloġija fl-Edukazzjoni**
**Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**
Tel: 2598 2805

Ministeru ta' l-Edukazzjoni

Ministeru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u Investiment Malta

MEGABYTE & ORACLE — Maltacomgroup — BOV — MALTA POST

**Kid Smart**

www.kidsmart.org.uk



# uliedek u l-Internet... taf daqshom?

**gwida ta' sigurta' fuq l-internet għall-ġenituri**

# L-Internet– Hemmhekk hemm dinja ta' veru!

Illum il-ġurnata mhux la kemm tlaħħaq mat-tfal. Meta ħsibna li kollox kien sew u stajna nużaw l-*Email*, f'daqqa waħda feġġew iċ-*Chatting*, l-*Instant Messages* u t-*Texting*. Issa f'salt wieħed għandna lingwa ġdida u sfidi ġodda għalina l-ġenituri, għalliema u edukaturi.




Din il-gwida tgħinek biex issib is-soluzzjoni għall-problemi li jista' jġib miegħu l-użu ta' l-Internet.

# Imma t-tfal jafu aktar minni!

Għandu mnejn li l-kbar jitwerwru mill-Internet u jikkonfondu bit-termini ġodda u b'din it-teknoloġija.

Filwaqt li hu veru li t-tfal x'aktarx għandhom ħila teknika aktar minnek, huma xorta jeħtieġu l-pariri u l-protezzjoni tiegħek meta jkunu qed jużaw dil-biċċa għodda ġdida.

Wara kollox, int tista' tfiehem lit-tfal il-ħtieġa li jilbsu s-*seat belt* tal-karozza għalkemm ma tafx kif taħdem magna!




# Allura x'inhuma l-perikli ?

Bl-Internet qisek qed iddaħħal belt fil-kamra tiegħek: hemm ħafna postijiet sbieħ fejn it-tfal jistgħu jmorru u jiddevertu, imma wkoll ħafna postijiet fejn int ma tixtieqx li t-tfal imorru mingħajr superviżjoni.

Il-perikli prinċipali għat-tfal jistgħu jkunu kklassifikati hekk:

**KUNTATT** - Fuq l-Internet t-tfal jistgħu jagħmlu kuntatt ma' xi ħadd li jista' jagħmlilhom xi ħsara. Huma għandhom jitgħallmu r-regola "bniedem ma nafux, ma nafdahx" f'kuntest ġdid u m'għandhom qatt jagħtu dettalji personali jew jiltaqgħu waħedhom ma' xi ħadd li tkellmu miegħu fuq l-Internet.

**KONTENUT** - Oqgħod attent għall-materjal li t-tfal jaraw u agħtihom regoli sodi fejn imorru (f'liema siti jidħlu) u kif iġibu ruħhom.

**KUMMERĊJALIŻMU** - Reklamar qawwi *online* jista' jinvadi l-privatezza tat-tfal. Wissihom biex ma jimlewx formoli b'dettalji personali.

# Ma nistax nuża filter?

Xi programm tal-*filtering* jista' jgħin ħafna biex jimblokka xi materjal mhux xieraq, imma mhux effettiv mija fil-mija, u qatt m'għandu jkun sostitut għas-superviżjoni mill-adulti. L-użu ta' l-Internet fl-iskola ġeneralment ikun iffiltrat, imrażżan u bla perikli ta' xejn. Iżda ħafna tfal jużaw l-Internet għand il-ħbieb, fl-*Internet Cafes*, f'libreriji u f'ċentri taż-żgħażagħ fejn għandu mnejn ma jkunx hemm filters u superviżjoni adekwata.

Għalhekk huwa importanti li teduka lit-tfal kif għandhom iġibu ruħhom fuq l-Internet u tiddiskuti magħhom il-problemi li jista' jkollhom.

Tajjeb ħafna li żżomm il-komjuter f'kamra użata mill-familja kollha u mhux f'xi kamra tas-sodda.




# X'taħseb dwar il-mobile phones ?

Il-kwistjoni li għandek toqgħod attent *online* tidħol ukoll fl-użu tat-telefon ċellulari.

Illum ħafna *mobiles* diġà għandhom aċċess għall-Internet. Hu importanti ħafna li twissi lit-tfal biex in-numru tal-*mobile* tagħhom ma jtuħx lil nies li ma jafuhomx jew li ma għandhomx fiduċja sħiħa fihom. Tkellem magħhom dwar il-kwalità ta' messaġġi jew stampi li qed jirċievu u li qed jibagħtu.




# Kun pożittiv




Inkuraġġixxi t-tfal biex iżuru siti divertenti u pożittivi li jsaħħulhom l-interessi tagħhom.

Bħalma int tfittex programmi tajba fuq it-TV għat-tfal, sib il-ħin biex issib l-aħjar siti, u dawk l-aktar utli, għat-tfal li huma taħt il-kura tiegħek.